MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2012

Numru 163/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**Vs**

**Jimmy (John Mary) Chircop ta' 38 sena bin Carmelo u Antonia nee' Mifsud imwieled Pieta fil-05 ta' Gunju 1974 u joqghod 101 Flat 4, Triq San Duminku, Valletta, detentur tal-karta ta'l-identita' numru 283774(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Jimmy (John Mary) Chircop li permezz taghha huwa gie akkuzat:

1. talli f'Jannar 2006 u fix-xhur precedenti f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila,

setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), ghad-dannu tal-bank HSBC Malta p.l.c ai termini ta'l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijet ta' Malta.

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz ai termini tal- artikolu 184 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi ikkorrompa lil Tonio Grima fil-kapacita tieghu bhala Loans Councillor mal-bank HSBC u dan billi tah xi rigal jew weghda, jew offerta ta' xi rigal fi flus jew útil iehor, jew xi vantagg iehor, li ghalihom Tonio Grima ma kellux jedd u dan sabiex jonqos milli jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel, ai termini ta'l-artikoli 115(b), 121(1) tal-Kodici Kriminali, Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. akkuzat talli kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tal-24 ta' April 2002, fejn huwa gie ikkundannat sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin.

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi,

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tas-16 ta' Awwissu 2010.

Semghet lill-imputat jiddikjara illi ma kellux oggezzjoni illi dana l-kaz jigi trattat u deciz bil-proceduri sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti kollha processwali.

Ikkunsidrat,

Illi min-nota tar-rinviju ghall-gudizzju ta'l-Avukat Generali jirrizulta illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat tal-frodi, u subordinatament ir-reat ta'l-uzu tad-dokument iffalsifikat, kif ukoll tal-korruzzjoni fis-settur privat. Illi dana l-kaz jirrisali ghas-sena 2005 meta l-imputat gie moghti facilita' ta' self mill-HSBC Bank fl-ammont ta' €5000. Dana il-*flexiloan* inghata abbazi ta' dokumenti li gew ipprezentati l-bank fosthom *payslips* u dokument tal-FS3 li kienu foloz. Fuq dana il-fatt ma jidhirx illi hemm kontestazzjoni. Jidher madanakollu illi l-imputat ma kienx a konoxxenza ta' dawn id-dokumenti u fil-fatt huwa ma giex akkuzat bil-falsifikazzjoni ta'l-istess billi mill-provi akkwizti jirrizulta illi dawn id-dokumenti gew iffalsifikati minn certu Joseph Mary Borg li diga ghadda proceduri kriminali in konnessjoni ma'l-istess, liema proceduri ghaddew in gudikat. Illi mill-atti jirrizulta illi ghal habta tas-sena 2006, kienu saru xi investigazzjonijiet interni mill-HSBC Bank ghar-rigward ta' xi loans li kienu gew awtorizzati minn impjegat taghhom certu Tonio Grima. Irrizulta illi sabiex l-imputat gie moghti dina l-facilita' mill-bank, kien intervjena ghalih certu Massimo Zahra. Illi ma huwiex car kif d-dokumenti tal-FS3 u l-*payslips* ezebieti in atti wasslu f'idejn il-bank. Dana qed jinghad ghaliex filwaqt li Joseph Mary Borg jafferma illi kien hu li hejja id-dokument tal-FS3 fuq talba ta' Massimo Zahra, madanakollu jikkontendi huwa ma kellu xejn x'jaqsam mal-payslips[1]. Minn naha tieghu Massimo Zahra fix-xhieda tieghu jichad illi hu kellu x'jaqsam mal-produzzjoni ta' dawn id-dokumenti u jikkontendi illi dawn kienu f'idejn Tonio Grima meta huwa mar ma'l-imputat fil-bank sabiex jinghatat dana is-self[2]. Mix-xhieda ta' Joseph Fenech, Manager Internal Investigations of Fraud mal-HSBC, u mid-dokumenti minnu esebieti jirrizulta illi l-imputat inghata facilita ta' Lm5000 f'self. Dana jirrizulta mil-*loan agreement* iffirmat mill-imputat u esebiet in atti[3]. Illi l-imputat ma jixhidx f'dina l-kawza, madankollu mill-provi akkwizti jirrizulta illi fl-ewwel lok, il-payslips esebiti[4] huma foloz peress illi mill-

[1] Ara xhieda ta' Joseph Mary Borg a fol.103
[2] Ara xhieda ta' Massimo Zahra a fol.115
[3] Ara Dokument JF3 a fol.87
[4] Ara Dokument JF2 a fol.86

employment history tieghu jirrizulta illi huwa ilu minghajr impieg sa mis-sena 2002, l-FS3 hija falza billi jammetti Joseph Mary Borg stess illi dina imlieha hu fuq struzzjonijiet ta’ Massimo Zahra u l-imputat qatt ma kien impjegat ma’ xi kumpanija li tinstalla l-lifts. Di piu mix-xhieda ta’ Joseph Gauci, Principal Officer gewwa d-Dipartiment tat-Taxxi Interni, l-formoli tal-FS3 li gew ipprezentatu l-bank fil-fatt ma jezistux.[5] Finalment mix-xhieda ta’ Joe Chicop li xehed in rappresentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali jidher illi l-imputat kien jiehu l-beneficcju tal-qaghad fiz-zmien mertu ta’l-akkuza.[6]

**IL-LIGI**

Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe’ bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta’ dana ir-reat u cioe’ l’uzu ta’ ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f’sentenza moghtija mill-Qorti ta’l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta’ Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta’l-elementi ta’ dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b’dan il-mod ghar-rigward ta’ dana ir-reat:

***“Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta’ serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice***

[5] Ara xhieda ta’ Joseph Gauci a fol.96
[6] Ara xhieda ta’ Joe Chircop a fol.41

***Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis … Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …..".*** Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew
b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c. ta' kwalifiki foloz jew
d. billi jinqeda b'qerq iehor u
e. ingann jew
f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g. jew ta' hila
h. setgha fuq haddiehor jew
i. ta' krediti immaginarji jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-

assistenza ta’ fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….”

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi ***“hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta’ l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza “Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi “quell’ articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e’ necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.”***

Ghar-reati ta’ truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi ***“kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita’ specifika li sservi ta’ supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b’hekk bhala mezz ta’ qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta’ dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta’ apparat estern li jirrivesti bi kredibilita’ l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta’ verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene.”***

***“….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe’ kwantu jirrigwarda d-dolo ta’ dan ir-reat ta’ truffa, jinghad illi jrid***
***jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b’ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem “bi hsara ta’ haddiehor” ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali***

***tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : ***"L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat

isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta'l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwizti jirrizulta indubbjament ippruvat illi l-imputat ottjena self mill-bank li ma kienx intitolat ghalih billi l-imsemmi self inghata abbazi ta' dokumenti foloz. Mix-xhieda ta' Joseph Fenech, rapprezentant tal-bank HSBC, jirrizulta illi l-imputat ottjena self ta' Lm5000, li minnhom huwa hallas lura ftit li xejn. Fil-fatt jidher illi l-imputat ghamel pagament biss recentement wara illi kien ilu snin ma ihallas u dana minhabba li ittama illi dana il-pagament seta' jagevolah meta l-Qorti tghaddi ghal gudizzju taghha. L-imputat, bl-ghajnuna ta' Zahra u Tonio Grima, kien ben konsapevoli tal-fatt illi dawn it-tnejn minn nies kienu qed ighinuh sabiex jottjeni is-self b'mezzi illeciti billi huwa qatt ma kien ser ikun f'posizzjoni jottjeni self mill-bank stante illi huwa kien minghajr impieg u fil-fatt kien qed jirregistra ghax-xoghol. Tant hu hekk illi huwa accetta illi jaghti Lm500 minn dana l-ammont lil Grima bhala rigal talli huwa ottjena dina l-facilita'. Ghalhekk jezisti in-ness bejn it-telf patrimonjali tal-vittma u l-arrikkiment tal-agent.

Ghar-rigward tat-telf patrimonjali jew dannu ekonomiku soffert mill-vittma tar-reat, l-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Cassazione Sez.Un.16.12.1998, il-Qorti sostniet f'dana ir-rigward: ***"Il reato di truffa costitusice un delitto istantaneo e di danno che si perfeziona nel momento in cui alla realizazzione della condotta tipica dell'autore abbia fatto seguito la***

***diminutio patrimonii del soggetto passivo: mentre dunque, il requisito dell'ingiusto profitto puo comprendere in se qualisiasi utilita' anche a carattere non strettamente economico, l'elemento del danno deve avere necessariamente contenuto patrimoniale e consistere in una lesione concreta tale da determinare la perdita effetiva del bene."***

Illi fil-kaz in dizamina, l-HSBC Bank ghadda is-somma ta' Lm5000 lill-imputat abbazi tad-dokumenti folozipprezentati minnu. Ghalhekk kien hemm "l'ingiusto profitto" favur l-imputat li jikseb dana s-self meta ma kienx intitolat ghalih. Fil-fatt l-imputat ftit li xejn hallas lura mill-ammont misluf proprju minhabba l-fatt illi huwa lanqas kellu impieg u ghalhekk kellu problemi finanzjarji tant illi kien jaf meta ha is-self li ma kienx ser ikun jiflah ihallas il-pagamenti mensili u b'hekk jibda irodd lura dak illi ha. Kien jaf ukoll fi kwalunkwe kas huwa ma kellu l-ebda garanzija x'joffri lil bank sabiex jissodisfaw l-obbligi minnu assunti. Ghaldaqstant l-akkuza tirrizulta ippruvata u l-Qorti ser issib htija dwar l-istess. Illi l-istess jista' jinghad dwar l-akkuza tal-uzu ta' dokument iffalsifikat. L-imputat ma jixhidx fil-kawza u l-uniku stqarrija li jaghmel hija dik li huwa jirrilaxxja meta jigi interrogat. Fiha huwa jammetti illi kien ha il-facilita' tas-self mill-bank, izda jafferma illi huwa ma jaf xejn dwar id-dokumenti li gew ipprezentati l-bank sabiex ittiehdet il-facilita. Illi l-Qorti tistqarr illi huwa kemmxejn inverosimili illi l-imputat kien fl-ghama dwar dawn id-dokumenti u li emmen allura li l-bank kien ser jaghtih self meta huwa kien dizokkupat. Tant hu hekk illi kif diga inghad, mill-Lm5000 li huwa ha mill-bank, ghadda s-somma ta' Lm500 lil Tonio Grima bhala rigal talli ipprocessalu dina l-*loan* meta ma kellux dritt ghaliha. Illi huwa minnu illi ma jirrizultax illi kien l-imputat li iffalsifika dawn id-dokumenti, izda kien jaf ben tajjeb illi Zahra u Grima setghu jirrangawlu ghal dana is-self b'mezzi qarrieqa u halliehom minghajr l-ebda oggezzjoni jaghmlu dan bil-presentazzjoni ta' dokumenti foloz.

Ikkunsidrat,

Illi minn qari tan-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali jirrizulta finalment illi l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat tal-korruzzjoni fis-settur privat a tenur ta'l-artikolu 121(1) abbinat ma'l-artikolu 115(b) tal-Kapitolu 9. Illi dana l-artikolu tal-ligi mal-promulgazzjoni tieghu fis-seklu dsatax kien jitkellem dwar il-korruzzjoni tal-gurati, izda mal-introduzzjoni tal-emendi fl-1974 dina id-disposizzjoni tal-ligi giet kompletament sostitwita sabiex inkludiet ukoll "kull korp imwaqqaf b'ligi li jkollu personalita guridika distinta" jew kull persuna impjegata ma' dak il-korp" sabiex b'hekk il-ligi setghet tkopri ukoll il-korruzzjoni fil-kumpaniji parastatali li bdew jitwaqqfu f'dak iz-zmien. Izda kien hemm riforma shiha ta' dina id-disposizzjoni tal-ligi bl-implementazzjoni f'Malta tal-*European Criminal Law Convention on Corruption*[7] u dana permezz ta'l-Att III ta'l-2002. Permezz ta' dana l-Att, kien hemm l-introduzzjoni tal-korruzzjoni fis-settur privat u dana kif stabbilit fl-imsemmija Konvenzjoni. Illi fl-artikolu 7 taghha, l-Konvenzjoni titkellem dwar **"Active bribery in the private sector" u** tiddisponi testwalment:

"***Each Party shall adopt such legislative and other measures as may be necessary to establish as criminal offences under its domestic law, when committed intentionally in the course of business activity, the promising, offering or giving, directly or indirectly, of any undue advantage to any persons who direct or work for, in any capacity, private sector entities, for themselves or for anyone else, for them to act, or refrain from acting, in breach of their duties***".

Imbaghad fl-artikolu 8 l-istess Konvenzjoni titkellem dwar "**Passive bribery in the private sector":**

"***Each Party shall adopt such legislative and other measures as may be necessary to establish as criminal offences under its domestic law, when committed intentionally, in the course of business activity, the request or receipt, directly or indirectly, by any persons who direct or work for, in any***

[7] ETS No.173

***capacity, private sector entities, of any undue advantage or the promise thereof for themselves or for anyone else, or the acceptance of an offer or a promise of such an advantage, to act or refrain from acting in breach of their duties***."

Dawn iz-zewg artikoli ghalhekk jestendu r-responsabbilta' kriminali ghal korruzzjoni fis-settur privat ukoll. Illi ghalhekk l-emendi ghall-artikolu 121 tal-Kodici gew imfassla biex jinkludu fost affarijiet ohra dana it-tip ta' korruzzjoni. Il-Qorti issa ser tghaddi sabiex tezamina l-mod kif dawn iz-zewg disposizzjonijiet ta' dina l-Konvenzjoni gew implimentati o meno fil-ligi taghna. Illi l-Group of States against Corruption tal-Unjoni Erwopeja, jew kif inhi ahjar maghrufa bhala GRECO ghamlet diversi studji dwar jekk dina l-Konvenzjoni gietx implimentata fil-ligi penali taghna. Illi fl-Evaluation report on Malta on Incrimination – Strasbourg 8 October 2009 (www.coe.int) inghad is-segwenti mill-GET (GRECO Evaluation Team):

"***Active and passive bribery in the private sector are criminal offences under Maltese law. Article 121(3) CC, which renders the provisions relating to passive bribery of domestic public officials contained in Article 115 CC applicable also to passive bribery in the private sector under certain conditions, reads: "The provisions of this sub-title in relation to an officer or person referred to in article 112 or a public officer or servant referred to in article 115 shall also apply to and in relation to any employee or other person when directing or working in any capacity for or on behalf of a natural or legal person operating in the private sector who knowingly, in the course of his business activities, directly or through an intermediary and in breach of his duties, conducts himself in any manner provided for in those articles:***

***Provided that for the purposes of this subarticle the expression "breach of duty" includes any disloyal behaviour constituting a breach of a statutory duty,***

***or, as the case may be, a breach of professional regulations or instructions, which apply within the business in question."***

***Active bribery in the private sector is covered by the provisions contained in Article 120(1) CC, which makes reference to the provisions concerning active bribery applicable to the private sector according to the following: "In the cases referred to in articles 115, 116, 117 and 118 […] or the person to whom any of the said articles applies in accordance with any provision under this Code or under any other law, as the case may be, shall be deemed to be an accomplice".***

***Elements/concepts of the offence:***

***"Persons who direct or work for, in any capacity, private sector entities***
***. The wording "…any employee or other person when directing or working in any capacity for or on behalf of a natural or legal person operating in the private sector…" are expressly provided in Article 121 (3) CC.***

***"In the course of business activity"; "…in breach of duties"***

***Both these elements are components of this offence: "In the course of business activity" is explicitly provided for in Article 121 (3) CC. The expression "breach of duty" is contained in the same Article and is furthermore explained in the second paragraph of Article 121(3) to include any disloyal behaviour constituting a breach of a statutory duty, or, as the case may be, a breach of professional regulations or instructions, which apply within the business in question. Moreover, Maltese law extends the scope of private sector bribery by also including persons working for other natural persons, i.e. the offence is not limited to corporate entities (such as companies).***

***Other elements:***

***All other elements/concepts, including the penal sanctions, described under bribery of domestic public officials (above) are equally applicable in respect of this offence. Furthermore, Article 121D CC stipulates that where a person is found guilty of an offence relating to, inter alia, private sector bribery and such a person is the director, manager, secretary or other principal officer of a body corporate or has the power to represent, take decisions or bind the body corporate, and the offence was committed for the benefit of that same body corporate, then such a person is deemed to be vested with the legal representation of that body corporate and is thus liable to an extensive fine (multa) of between EUR 1,165 and 1,164,687 approx.***

***The authorities informed the GET that there were no statistics or specific case law available in respect of this offence.***"

Illi minghajr l-icken dubbju l-akkuza migjuba fil-konfront ta'l-imputat fil-kaz in dizamina jikkoncerna 'l hekk imsejjah "active bribery" kif sancit fil-Konvenzjoni. Illi l-Evaluation Report tal-GRECO kif indikat iktar 'il fuq iqies illi dina it-tip ta' korruzzjoni hija inkorporata fl-artikolu 120(1) tal-Kodici penali taghna li jirrendi bhala komplici l-persuni imsemmija fl-artikolu 121(1) u (3). Illi l-artikolu tal-ligi li jitkellem dwar il-komplici u cioe' l-artikolu 120(1) gie fil-fatt emendat permezz ta'l-Att III ta'l-2004 sabiex jinkludi fih is-segwenti frazi:

**"jew persuna li dwarha japplika xi artikolu minn dawk imsemmija** (u cioe' b'referenza ghall-artikoli 115, 116, 117 u 118), skond kull disposizzjoni ta' dan il-Kodici jew taht kull ligi ohra."

Dina il-frazi ghalhekk introdotta fl-2004 tirrendi komplici il-persuna li tikkorrompi … xi persuna li dwarha japplika l-artikolu 115 fost ohrajn. Illi ghalhekk kemm l-artikolu 121(1) kif ukoll is-sub-inciz 3 ta'l-istess artikolu li jitkellmu

dwar il-*passive bribery* fis-settur privat jaghmel referenza specifika ghall-artikolu 115 u ghalhekk il-persuna li tikkorompi lil dana l-impjegat fis-settur privat ghandu jitqies bhala komplici ai termini ta'l-artikolu 120(1) kif del resto jinghad fl-Evaluation Report tal-GET hawn fuq indikat.

Illi maghdud dana kollu ghalhekk jirrizulta illi l-elementi legali li isawru ir-reat ta' *active bribery* fis-settur privat u cioe' tal-persuna tal-komplici fir-reat tal-korruzzjoni huma is-segwenti:

1. Ir-reat irid ikun imwettaq b'mod intenzjonali fil-kors ta' attivita kummercjali.

2. Irid ikun hemm il-weghda, l-offerta jew l-ghotja, sew direttament kif ukoll indirettament ta' kwalunkwe tip ta' vantagg.

3. lil persuni indikati fl-artikoli 121(1) u 121(3). Illi l-emendi introdotti permezz ta'l-artikolu 28 tal-Att III ta'l-2002 ziedu il-kliem "jew xi korp iehor li jkollu personalita guridika distinta" fl-artikoli 121(1), kif ukoll gie introdott s-sub-inciz 3 ta'l-istess artikolu. Ghaldaqstant ma hemmx dubbju illi l-iskop ta' dina l-emenda kienet li tinkludi l-korruzzjoni fis-settur privat permezz ta'l-artikolu 121(1) li jitratta fost ohrajn dwar l-persuna li jkolha l-funzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu ma'l-amministrazzjoni ta' korp li ghandu personalita guridika distinta u cioe' kwalunkwe socjeta kummercjali, filwaqt li l-artikolu 121(3) imbaghad hija iktar wiesgha u tinkludi kull impjegat jew persuna ohra meta dawn ikunu qed imexxu jew ihadmu f'xi kapacita' ghal jew f'isem xi persuna naturali jew guridika li tkun qed tahdem fis-settur privat.

4. sabiex dik il-persuna taghmel jew tonqos milli tghamel xi haga <u>u dana bi ksur tad-dmirijiet taghha</u>. Illi kif inghad fir-rapport iktar 'il fuq indikat dana jinkludi kwalsiasi ksur tad-dmir tal-lejalta' lejn il-principal u ghalhekk l-element tal-habi fl-accettazzjoni tar-rigal jew offerta minghajr ma tinkiseb minn qabel l-awtorizazzjoni tal-principal hija ukoll inkluza f'dana l-element.

Illi maghdud dana kollu jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi l-fattispecje ta' dana l-kaz jinkwadraw ruhhom taht ir-reat ta'l-hekk imsejjah *active bribery*. Illi fir-rekwizit numru c.

tan-nota ta’ rinviju tal-gudizzju jidher illi l-Avukat Generali qieghed jindika biss l-artikolu 121 (*passive bribery*) u mhux ukoll l-artikolu 120 tal-Kodici Kriminali li jinkwadra l-persuna tal-komplici u cioe’ f’dana il-kaz l-persuna ta’l-imputat. Billi ghalhekk n-nota ta’ rinviju titkellem biss fuq il-persuna li tigi soggetta ghal korruzzjoni u cioe’ titkellem dwar ‘l hekk imsejjah *passive bribery* kwindi dana id-dispost tal-ligi ma japplikax ghall-imputat. Ghaldaqstant billi l-artikolu rilevanti tal-ligi ma iex indikat mill-Avukat Generali, l-Qorti hija prekluza milli tapplika dana id-dispost tal-ligi fid-decizjoni taghha u kwindi l-imputat ser jigi illiberat minn dina l-akkuza.

Illi finalment l-imputat huwa akkuzat ukoll li kiser il-provvedimenti ta’ sentenza sospiza ta’ sentejn prigunerija moghtija fil-konfront tieghu b’sentenza tal-24 ta’ April 2002 moghtija minn dina l-Qorti kif diversament ippresjeduta, billi r-reati li dwarhom jinsab akkuzat gew kommessi fil-perijodu operattiv ta’ dik is-sentenza.[8] Illi is-sentenza in kwistjoni giet sospiza ghal perijodu ta’ erba’ snin. Jirrizulta illi r-reati li dwarhom ser tinstab htija fil-konfront ta’l-imputat gew kommessi f’Jannar tas-sena 2006 u fix-xhur precedenti u kwindi ma hemmx dubbju illi kien ghadu ghaddej il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni is-social enquiry report imhejji mill-Probation Officer Marietta Lanzon. Minn hawn jirrizulta illi fl-imghoddi l-imputat kellu problema serja minhabba il-vizzju ta’ droga li wassluh sabiex jikkommetti serje ta’ reati. Jidher madanakollu illi huwa segwa programm ta’ rijabilitazzjoni mill-vizzju ta’ droga liema programm huwa temm b’success. L-imputat illum ghandu hajja stabbli, ghandu familja u qieghed jipprova jaghmel hiltu biex jippartecipa fit-trobbija ta’l-istess. Illi huwa minnu illi r-reati li taghhom ser jinstab hati gw komessi fil-perijodu operattiv ta’ sentenza sospiza, izda dina s-sentenza tirrisali ghas-sena 2002. Jidher illi minn dak iz-zmien l-imputat ma kellux kawzi ohra il-Qorti apparti din in

[8] Ara sentenza Dok MC6 a fol.53

dizamina. Kwindi fic-cirkostanzi partikolari ta’ dana il-kaz il-Qorti tqies illi piena karcerarja effettiva ma tkunx idonja.

Ghaldasqtant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 308, 310(1)(a), 184, 17(b)(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liijiet ta’ Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tielet akkuza, issibu hati tal-kumplament, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lil hati taht ordni ta’ probation ghal zmien tlett snin mil-lum.

Inoltre wara li rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-hati ihallas lil HSBC Bank Malta plc jew rapprezentant tieghu is-somma ta’ €15,766 u dana fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa ma jobdiex l-ordni imposta fuqu illum jew jekk jikkommetti reat iehor matul il-perijodu li fih l-ordni ser tibqa vigenti.

Il-Qorti tordna komunika tas-sentenza lid-Direttur Probation Services skond il-ligi.

Finalment wara li rat l-artikolu 28B(2)(b) tordna illi s-sentenza ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal erba’ snin moghtija minn dina l-Qorti fl-24 ta’ April 2002, ghandha tibqa hekk sospiza u dana ghal zmien tlett snin jibdew jiddekorru mill-gdid mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-peirjodu operattiv ta’ dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------